MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1486/1994/1

**Anthony Marcel Pace Asciaq bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali "CONTINENTAL DESIGN COMPANY LIMITED"**

**Vs**

**Joseph u Salome mizzewgin Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-8 ta' Novembru 1994 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur *nomine* biegh u kkonsenja lill-konvenuti Set tal-ghamara tal-Kcina "Flanders Oak" kif ahjar jirrizulta mill-*invoice* li kopja taghha giet esebita ma' l-att tac-citazzjoni u markata dokument "A";

Premess illi mill-prezz pattwit il-konvenuti fadlilhom ihallsu lill-attur is-somma ta' tmien mija u zewg liri Maltin (Lm802) salv imghax legali sal-jum tal-pagament effettiv;

Premess illi interpellati diversi drabi l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur *nomine* is-somma ta' tmien mija u zewg liri Maltin (Lm802) bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta' kcina "Flanders Oak" mibjugha u konsenjata lill-istess konvenuti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tal-15 ta' Gunju 1994 u ta' l-4 ta' Ottubru 1994 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni sal-jum tal-pagament effettivi kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fis-27 ta' Jannar 1995 li permezz taghha huma eccepew:

1. Illi l-azzjoni proposta mill-attur *nomine* ma tregix in kwantu r-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti ma kinitx wahda ta' vendita izda ta' *locatio operis*;

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija intempestiva u stante li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u inoltre l-appalt ghadu inkompletat;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti, ipprezentata kontestwalment man-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom, illi permezz taghha ppremettew:

Illi l-eccipjenti konvenuti bi ftehim datat 14 ta' April 1993, inkarigaw lill-attur *nomine* sabiex jezegwixxi appalt ta' xoghol ta' kcina ta' l-injam liema xoghlijiet kellhom jitlestew sa Awissu 1993;

Illi l-attur *nomine* naqas li jesegwixxi l-inkarigu moghti lilu skond l-arti u s-sengha u tal-kwalita` u bil-mod miftiehem, u inoltre l-appalt ghadu mhux kompletat;

Illi minkejja li gie nterpellat jirrimedja kemm verbalment kemm b' ittra legali, ghalkemm bil-fomm l-attur qal li kien lest jirrimedja, effettivament naqas li jirranga d-difetti u li jaghmel ix-xoghol skond kif miftiehem u skond l-arti u s-sengha;

Talbu ghalhekk il-konvenuti lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur *nomine* naqas li jesegwixxi l-appalt fuq imsemmi skond l-arti u s-sengha, u skond il-kundizzjonijiet u fit-terminu miftiehem;

2. Tikkundanna lill-istess attur *nomine* biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti jirranga d-difetti u jlesti l-appalt taht id-direzzjoni ta' perit tekniku nominat mill-Qorti;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-eccepjenti biex jaghmlu x-xoghlijiet kollha mehtiega huma a spejjez ta' l-attur *nomine* u taht id-direzzjoni ta' perit tekniku nominat mill-Qorti;

4. Konsegwentement tillikwida wkoll l-ispejjez dovuti biex ix-xoghol jigi rrangat u kompletat skond l-arti u s-sengha;

5. Tikkundanna lill-attur *nomine* biex f' kaz li jonqos li jirranga d-difetti u jlesti l-appalt fit-terminu moghti lilu,

jhallas lill-attur l-ammont likwidat taht ir-raba' talba biex dan jaghmel ix-xoghol hu taht id-direzzjoni ta' perit nominat minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorji tal-11 ta' Ottubru 1994, kontra l-attur *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenut *nomine* pprezentata fid-9 ta' Frar 1995 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-kontrotalba tal-konvenuti ma tregix ghaliex ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet ma kinitx wahda ta' appalt imma wahda ta' bejgh kif jirrizulta mill-kuntratt ta' l-14 ta' April 1993 li kopja tieghu giet esebita man-nota ta' l-eccezzjonijiet u markata Dokument "B";

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, il-kcina konsenjata lill-konvenuti inhadmet skond l-arti u s-sengha, hija kompluta kif pattwit bejn il-partijiet u *di piu`* giet konsenjata wara it-terminu miftiehem fuq insistenza tal-konvenuti u sabiex jigu akkomodati l-istess konvenuti; *di piu`* mal-konsenja l-konvenuti talbu li jsiru xi varjazzjonijiet li l-attur ghamel u wara l-konvenuti kienu kuntenti u accettaw il-kcina kif konsenjata;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, sussegwentement il-konvenuti regghu bdew jilmentaw u jallegaw li kien hemm xi difetti fil-kcina konsenjata u sabiex din ma tkun ta' skuza ghan-nuqqas ta' hlas l-attur offra li jaghmel dawk ir-riparazzjonijiet li jkunu talvolta necessarji pero` l-konvenuti riedu biss li l-attur jaccetta hlas ridott u mhux li jirripara. Ghaldaqstant l-attur *nomine* fi kwalsiasi kaz ma ghandux ibati spejjez tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* akkompanjanti n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, il-lista tax-xhieda indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tas-7 ta’ Dicembru 1995 li permezz tieghu gew nominati Dr. Marco Griscti bhala perit legali u Gaston Mifsud bhala perit tekniku biex jirrelataw u jfittxu dwar il-fondatezza tad-domanda attrici kif ukoll tal-kontro-talba wara li jiehdu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tal-5 ta’ Mejju 1999 li permezz tieghu Dr. Marco Griscti gie sostitwit fl-istess inkarigu u bl-istess fakoltajiet b’Dr. Vincent Galea;

Rat ir-relazzjonijiet ta’ l-esperti nominati li jinsabu a fol. 84 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fl-udjenza tad-19 ta’ April 2002;

Rat l-Affividavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat ir-risposti in eskussjoni tal-perit tekniku ghad-domandi ta’ l-attur *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Jixraq fl-ewwel lok li tigi indagata u epurata sew il-kontroversja sorta bejn il-kontendenti f’ din il-kawza. Jigifieri dik jekk il-figura guridika tan-negozju intervenut bejniethom ghandhiex tigi klassifikata bhala “*vendita*” kif pretiz mill-attur *nomine* ossija “*locatio operis*”, kif hekk ritenut mill-konvenuti proprju fl-ewwel eccezzjoni taghhom ghall-azzjoni principali;

Indubbjament l-istabilizzar ta’ din il-figura guridika hi ta’ vitali importanza in kwantu z-zewg istituti, distintament

kollokati fil-Kodici Civili, jipprovdu rimedji ben diversi. In effetti kieku l-Qorti kellha taccetta l-veduta tal-perit legali illi fil-kaz in ezami si tratta minn kuntratt ta’ bejgh, allura difficilment, imbaghad, seta’ jsegwi illi l-istess perit legali jissofferma fuq it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tal-kontro-talba taghhom billi dawn huma espressament arginati fuq l-istitut ta’ l-appalt in kwantu ghall-kontenzjoni illi x-xoghol ma giex ezegwit skond l-arti u s-sengha u kien ukoll inkompletat;

Minn dak rinvenut fil-Kodici Civili jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f’ kaz ta’ vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikoli 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz ta’ l-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita` mweghda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja ta’ l-oggett mibjugh, li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta’ perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara r-ricezzjoni ta’ l-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja;

Huma dawn ir-rimedji li l-ligi tipprovdi lix-xerrej u allura l-kwestjoni jekk ix-xoghlijiet sarux sew u skond l-arti u s-sengha strettament ma ticcentra xejn f’ negozju guridiku bhal dan ta’ komprovendita;

Premess dan li fuq gie ravvisat, huwa innegabbli illi l-kompitu fir-ricerka tal-kriterju distintiv bejn “*vendita*” u “*locatio operis*” mhux nieqes minn diffikoltajiet. Dan hu hekk rikonoxxut mid-dottrina kif ukoll mill-gurisprudenza;

Hekk it-trattist **C. Massimo Bianca** fl-opra tieghu “La Vendita e la Permuta”, Unione Tipografico - Editrice Torinese, Edizzjoni 1972 pagna 39 para. 21, jghid illi “*quando l’ alienante assume una prestazione di fare che non si limita ad una semplice attivita` integrativa o complementare ma attiene alla stessa produzione del*

*bene, il problema della classificazione del contratto non puo` essere risolto qualificando senz' altro la prestazione come accessoria rispetto alla vendita. Occorre piuttosto accertare se il rapporto negoziale non corrisponda in realta` al tipo dei contratti d' opera individuale o imprenditoriale, cioe` al contratto d' opera o al contratto d' appalto*.";

Jinghad minn awturi bhal **Rubino-Iudica** ("Dell' Appalto" para 44) illi dak li jiddistingwi l-appalt mill-bejgh huwa l-kriterju tal-"*prevalenza del lavoro sulla materia*". Bl-invers jinsab ritenut illi meta l-appaltatur jintraprendi opra li fiha jaghti mhux biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, imma jfornixxi anke l-materjal, dan l-appalt huwa affini mal-bejgh ("**Carmelo Borg -vs- Joseph Mifsud**", Appell Kummercjali, 7 ta' Ottubru 1980);

Fil-fehma tal-Qorti din hi distinzjoni pjuttost semplicistika tal-kuncett u ma ssolvix il-problema;

Giet allura koncepita t-teorija zviluppata fid-duttrina u l-gurisprudenza Taljana "*secondo il quale il contratto di vendita si distingue da quello di appalto per il diverso oggetto, consistente, rispettivamente, in un' obbligazione di dare oppure in un obbligazione di dare e insieme di fare, con organizzazione di mezzi necessari e con gestione a rischio dell' appaltatore*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 58 tad-9 ta' Jannar 1970**);

Din it-teorija ttendi biex tassenja importanza deciziva lill-volonta tal-partijiet kontraenti. Teorija li wkoll sabet favur f' certa gurisprudenza taghna, kif manifest mis-sentenzi fl-ismijiet "**Neg. George E. Camilleri -vs- Joseph Mamo *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Awissu 1951; "**George Vassallo -vs- Lawrence Fenech *et nomine***", Appell Kummercjali, 26 ta' April 1988 u "**John Debono -vs- Anthony Fenech *nomine et***", Appell Kummercjali, 15 ta' Jannar 1992;

Rigwardata minn din il-prospettiva tal-volonta` tal-partijiet s-soluzzjoni tal-vertenza jidher li giet stabbilita skond l-ottika li wiehed jara l-kontrattazzjoni;

F' dan il-kuntest gie ritenut, dejjem fil-gurisprudenza Taljana, illi "*si trattera` di vendita di cosa futura e non di appalto, quando il prodotto richiesto sia conforme ad un tipo o modello proprio dell' ordinaria produzione dell' assuntore*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 4020 ta' l-1983**). Tali tibqa' s-sitwazzjoni anke fejn jintalbu modifiki fl-oggett, purche jkunu marginali jew sekondarji, addottati biex jissodisfaw l-esigenzi tad-destinatarju tieghu. Minn naha l-ohra jekk il-modifiki "*siano tali da dare luogo ad un 'opus perfectum' inteso come effettivo e voluto risultato della prestazione, si trattera` invece di appalto*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 8445 tas-sena 2000**). Jekk, imbaghad, ukoll il-kuntratt ma jkunx jista' jigi kazellat taht it-tip wiehed jew l-iehor, jista' jigi kwalifikat bhala "*contratto misto*' (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 83 ta' l-1972**);

Mill-provi processwali ottenuti fil-kaz in ispecje din il-Qorti ssibha difficli biex taqbel mal-perit legali illi ghas-semplici fatt li wiehed dahal fi stabbiliment bhal dak ta' l-attur *nomine* u ppjazza ordni allura si tratta per forza ta' kuntratt ta' bejgh. Fil-fehma tal-Qorti l-apprezzament tal-fatti rizultanti, kombacjati ma' l-osservanzi guridici appena accennati, ma kellux iwassal lill-perit legali biex jinkwadra l-materja fil-qafas tal-kuntratt ta' vendita. Ma jirrizultax illi dak ordnat kien jaqa' fl-ordinarja produzzjoni ta' l-attur *nomine* izda kien effettivament jikkonsisti minn opra voluta skond disinn specifiku approvat mill-konvenuti. F' liema kaz ikollu jinghad bhal **Pacifici-Mazzoni**, illi "*il contratto di locazione d' opera sa di vendita, e` prossimo alla vendita, ma non e` vendita, neppure quando l' imprenditore somministra la materia*" (Locazione, para. 314 pagna 439);

Dan premess, issib allura prosegwiment il-verifika dwar is-sosteniment o meno tat-tieni eccezzjoni u tal-kontro-talba tal-konvenuti;

Il-kostatazzjoni dwar jekk l-opra gietx esegwita skond l-arti u s-sengha hi materja ta' indole teknika, u dment li l-konkluzjonijiet ta' l-espert tekniku ma gewx gravament imqeghda fid-dubbju b' ragunijiet mhux privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami l-Qorti jkollha taccetta dawn l-istess konkluzjonijiet. Dan aktar u aktar fejn l-attur *nomine qua* parti interessata ma pprevaliex ruhu mill-fakolta lilu moghtija mil-ligi b' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali ("**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emanuele Muscat *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967);

Ir-rizultanzi tal-perit tekniku kif jemanu mir-relazzjoni tieghu (fol. 129) jistghu jigu hekk suddivizi:

1. Saru xoghlijiet li ma kienux konformi la ghad-disinn u lanqas ma' dak pattwit. In referenza l-kwestjoni li flok zewg gonot jew *fillers* bejn il-bibien saru erbgha. Jinghad illi ghalkemm dan hu veru pero` dawn gew maqbula. L-istess jinghad dwar it-traversi, izda f' dan il-kaz il-perit tekniku jafferma li dawk li saru jistghu jitqiesu accettabbli ghar-raguni mfissra minnu. Kwantu ghall-mazzarelli dawn saru anke jekk ma kienx provvdut dwarhom fid-disinn. Jidher li fuq dan il-perit tekniku accetta l-ispjega ta' l-attur *nomine*;

2. Saru xoghlijiet li ma jikkorrispondux ghas-sengha u l-arti. Dawn jinsabu elenkati b' kummenti specifici dwar kull ilment fir-rapport u ma hemmx ghalfejn jigu mtennija. Dak li hu importanti ghal finijiet tal-kawza hu li dwarhom il-perit tekniku attribwixxa spiza rimedjali ta' hames mija u hamsa u tmenin lira (Lm585) dovuta ghaz-zarmar tal-kcina, trasport taghha, riparazzjoni u mmuntar mill-gdid. Dan kif minnu espress in eskussjoni;

Fuq dawn l-ahhar xoghlijiet jigi notat illi l-konvenuti ma talbux fil-kontro-talba taghhom ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt. Dan jispjega ruhu mhux biss ghaliex huma zammew l-

opera ezegwita imma ghaliex ukoll id-difetti riskontrati ma jistghux jigu kwalifikati bhala sostanzjali jew essenzjali b' mod li jipprivaw il-haga mill-iskop jew l-utilita` taghha. F' kaz bhal dan, "l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni" ("**Robert Micallef -vs- Joseph Mamo *proprio et nomine***", Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Marzu 1939; "**Angelo Busuttil -vs- Pio Fedele *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' April 1968; "**John Bonnici *proprio et nomine* -vs- Anthony Sammut**", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994). Hu proprju dan li gie mitlub mill-konvenuti fil-kaz in ezami;

Il-perit tekniku attribwixxa wkoll spiza ta' hamsa u tmenin lira (Lm85) biex jigu riparati certi komponenti li soffrew hsarat minhabba tixrib. Spiza din li ma kellhiex tigi akkollata lill-attur *nomine* billi t-tixrib kien provenjenti minn perkolazzjoni ta' ilma mill-hajt tal-bitha tal-fond tal-konvenuti;

Kwantu ghall-ilment illi l-mejda u sitt siggijiet ma nhaddmux ta' l-*oak* izda bl-injam tal-fagu l-espert tekniku rrileva illi gjaladarba l-ftehim ma kienx wiehed car huwa ma setax jesprimi opinjoni fuq din il-kwistjoni;

Il-Qorti ssib fuq l-apprezzament tal-provi illi din il-konkluzjoni hi ben fondata. Gja drabi ohra gie rilevat mill-Qrati fuq il-bazi ta' l-esperjenza f' kazijiet konsimili illi "l-kwestjonijiet jinqalghu ghaliex wiehed mill-partijiet jew it-tnejn ma jkunux approfondew sew it-termini tal-ftehim biex ma jinqalax inkwiet u dizgwid wara" ("**Nazzareno Vassallo *nomine* -vs- Edward Maggi**", Appell, 13 ta' Frar 1997) - kaz dan fejn incidentalment ukoll kienet mankanti l-prova tal-ftehim espress illi x-xoghol kellu jsir ta' l-*oak*.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza kif ukoll il-kontro-talba billi bl-akkoljiment tar-rizultanzi peritali sa fejn jghoddu tiddikjara qabel xejn illi certi xoghlijiet, li taghhom l-attur *nomine* qed jiddomanda l-hlas tal-bilanc tal-prezz, ma sarux skond l-arti u s-sengha u ghalhekk tikkundanna lill-attur *nomine* li fi zmien perentorju ta’ xahar mil-lum jirrimedja ghad-difetti riskontrati mill-espert tekniku, u taht is-sorveljanza u bl-approvazzjoni ta’ l-istess espert Gaston Mifsud. Fin-nuqqas li l-attur *nomine* jaghmel dan fiz-zmien lilu moghti l-konvenuti huma minn issa awtorizzati jaghmlu dan taht id-direzzjoni ta’ l-imsemmi espert u a spejjez ta’ l-attur *nomine* sas-somma ta’ hames mija u hamsa u tmenin lira (Lm585) kif likwidat f’ dan il-gudizzju mill-perit tekniku;

F’ kull kaz il-konvenuti qed jigu kkundannati jhallsu lill-attur *nomine*, bl-imghax legali kif mitlub, is-somma bilancjali ta’ tliet mija u zewg liri Maltin (Lm302) jew ta’ mitejn u sbatax-il lira Maltija (Lm217) dependenti fuq jekk ix-xoghlijiet rimedjali jsirux jew le mill-attur *nomine*;

L-ispejjez tal-kawza principali ghandhom jitbatew kwantu ghall-zewg terzi (2/3) mill-attur *nomine* u terz (1/3) mill-konvenuti. Dawk tal-kontro-talba jibqghu interament a kariku ta’ l-attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------